

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Talba Għall-Ħlas Tad-danni Mingħand Min Ikun Wettaq Ir-reat](#) > [Austria](#)

Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Il-kontenut ipprovdut minn Awstrija



Awstrija

Ma hemm l-ebda formola speċifika għad-dikjarazzjoni biex tissieħeb fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Ma hemm l-ebda rekwiżit dwar liema forma għandha tiegħu d-dikjarazzjoni. Il-formoli eżistenti ta' dikjarazzjoni tax-xhieda fihom mistoqsija li tistaqsi jekk il-persuna tixtieq tingħaqad fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Huwa biżżejjed li l-persuna tiddikjara iva u ttiprovdi spjegazzjoni qasira biex tingħaqad fil-kawża.

Kif nista' nagħmel talba għall-ħlas tad-danni jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon minn awtur ta' reat fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din it-talba?

Il-vittma ta' reat għandha d-dritt li tftitex danni għas-sofferenza kkawżata jew kumpens għal indeboliment tad-drittijiet legali tagħha protetti skont il-liġi kriminali. Sabiex tagħmel talba, il-vittma tista' tiddikjara li tixtieq tingħaqad fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Din id-dikjarazzjoni (għas-sħubija fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili) tinkludi lill-vittma bħala parti ċivili fil-proċedimenti kriminali. Jekk, fi stadju aktar tard, il-prosekutur pubbliku jwaqqa' l-akkużi, il-parti ċivili tista' tkompli l-proċedimenti permezz ta' dik li hija magħrufa bħala "prosekuzzjoni assoċjata" (*Subsidiaranklage*).

Skont l-istatus tal-proċedimenti, id-dikjarazzjoni ta' sħubija fil-proċedimenti bħala parti ċivili tista' tiġi ppreżentata lill-pulizija kriminali (*Kriminalpolizei*), lill-prosekutur pubbliku jew lill-qorti, verbalment jew bil-miktub. Ma hemm l-ebda rekwiżit dwar liema forma għandha tiegħu d-dikjarazzjoni (l-Artikolu 67(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Strafprozessordnung*, StPO).

Alternattivament, il-vittmi jistgħu jagħmlu talbiet bħala parti minn kawża ċivili.

F'liema parti tal-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Id-dikjarazzjoni ta' sħubija fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili tista' tiġi ppreżentata sakemm il-kumpilazzjoni tax-xhieda tkun tlestiet bħala parti mis-smiġħ prinċipali. Peress li ċerti drittijiet ta' parteċipazzjoni li jmorru lil hinn mid-drittijiet tal-vittma huma marbuta ma' dan fi proċedimenti kriminali (eż. id-dritt li wieħed jitlob għall-kumpilazzjoni tax-xhieda, it-taħrika għas-seduta prinċipali), jista' jagħmel sens li d-dikjarazzjoni biex wieħed jingħaqad fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili ssir fi stadju bikri fil-proċedimenti.

X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali

u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti u l-imġaxijiet mitlufa)?

It-talbiet iridu jkunu ġġustifikati fid-dikjarazzjoni ta' sħubija fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Stima konkreta għat-talba trid tiġi pprovduta sa tmiem il-proċedura ta' teħid ta' provi fis-seduta ta' smiġħ prinċipali. Madankollu, parti biss mid-danni jistgħu jintalbu.

Hemm formola speċifika għal talbiet bħal dawn?

Ma hemm l-ebda formola speċifika għad-dikjarazzjoni biex tissieħeb fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Ma hemm l-ebda rekwiżit dwar liema forma għandha tiegħu d-dikjarazzjoni. Il-formoli eżistenti ta' dikjarazzjoni tax-xhieda fihom mistoqsija li tistaqsi jekk il-persuna tixtieqx tingħaqad fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili. Huwa biżżejjed li l-persuna tiddikjara iva u tipprovi spjegazzjoni qasira biex tingħaqad fil-kawża.

Liema evidenza rrid nippreżenta biex nappoġġa t-talba tiegħi?

L-evidenza għandha preferibbilment tiġi ppreżentata jew imressqa meta r-reat jiġi rrapportat jew matul l-interrogazzjoni mill-pulizija kriminali. Din għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mid-data tas-seduta ta' smiġħ. L-evidenza tinkludi:

- ritratti,
- dijanjożi mediċi,
- kontijiet jew fatturi,
- kwotazzjonijiet, eċċ.

Hemm tariffi tal-qrati jew spejjeż oħra marbuta mat-talba tiegħi?

Il-partijiet ċivili normalment ma jġarrbux spejjeż bħala parti mill-proċedimenti kriminali (minbarra l-ispejjeż tar-rappreżentanti magħżula tagħhom). L-ispejjeż jiġġarrbu biss jekk il-parti ċivili konxjament tagħti dikjarazzjoni falza li tagħti bidu għal proċedimenti kriminali jew jekk l-akkużat jiġi lliberat fil-każ ta' "prosekuzzjoni assoċjata".

Nista' nikseb għajjnuna legali (għajjnuna ta' avukat) qabel u/jew matul il-proċedimenti? Nista' nirċiviha anke jekk ma nkunx qed ngħix fil-pajjiż fejn iseħħu l-proċedimenti?

Il-partijiet ċivili ma għandhomx għalfejn jużaw is-servizzi ta' avukat bħala parti mill-proċedimenti kriminali. Xi vittmi, speċjalment dawk li setgħu ġew esposti għal vjolenza jew theddid perikoluż jew kellhom l-integrità sesswali jew il-kapaċità tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tas-sesswalità tagħhom imdgħajfa b'riżultat tad-delitt, jistgħu jitolbu appoġġ matul il-proċedimenti legali (parir legali u rappreżentanza minn avukat) jekk dan ikun meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet proċedurali tagħhom, filwaqt li l-involviment personali tagħhom jitqies kemm jista' jkun (l-Artikolu 66(2) StPO). Dan l-appoġġ huwa bla ħlas għall-vittmi.

Fejn ikun hemm ħtieġa finanzjarja ġenwina, vittmi oħra jistgħu wkoll jitolbu assistenza minn avukat skont is-sistema ta' appoġġ proċedurali jekk dan ikun meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, b'mod partikolari għall-infurzar tad-dritt li jiġu evitati proċedimenti ċivili sussegwenti (l-Artikolu 67(7) StPO).

Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali fl-Awstrija, dan japplika wkoll għal individwi li jgħixu barra mill-pajjiż u individwi li ma għandhomx ċittadinanza Awstrijaka.

Meta tista' l-qorti kriminali tiċħad jew tirrifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħi kontra t-trasgressur?

Id-dikjarazzjoni ta' sħubija fil-proċedimenti bħala parti ċivili tiġi rrifjutata jekk tkun evidentement mhux ġustifikata, preżentata tard jew jekk stima tal-ammont ta' kumpens jew danni ma tingħatax fil-ħin (l-Artikolu 67(4) StPO). Sakemm jitressqu l-akkużi quddiem il-qorti, huwa l-prosekutor pubbliku li jiddeċiedi jekk jirrifjutax id-dikjarazzjoni. Ladarba jitressqu l-akkużi, hija l-qorti li tiddeċiedi (l-Artikolu 67(5) StPO).

Jekk is-seduta ta' smiġh prinċipali twassal għal sentenza, il-qorti trid ukoll tiegħu deċiżjoni dwar talbiet ċivili li jkunu ġew ippreżentati. Jekk il-konvenut jiġi lliberat, il-parti ċivili trid tippreżenta t-talbiet tagħha quddiem qorti ċivili, peress li f'każijiet bħal dawn il-parti ċivili ma tistax tingħata kumpens jew danni bħala parti minn proċedimenti kriminali. Jekk il-konvenut jinstab ħati, (i) it-talba tista' tintlaqa' (parzjalment jew fl-intier tagħha) jew (ii) ir-rikorrent jista' jiġi mgħarraf biex jippreżenta t-talbiet tiegħu f'qorti ċivili. Azzjoni ċivili minkejja verdetta ħati hija meħtieġa jekk it-talbiet ċivili jitqiesu mhux ġustifikati wara li l-bażi għad-deċiżjoni tkun ġiet investigata bis-sfih jew jekk l-eżitu tal-proċedimenti kriminali ma jippermettix lanqas valutazzjoni parzjali tat-talba ċivili, sakemm proċess ta' teħid ta' provi li ma jdewwimx b'mod sinifikanti d-deċiżjoni fir-rigward tal-ħtija u s-sentenza tal-konvenut ma jippermettix li l-bażi għad-deċiżjoni tiġi investigata aktar.

It-talbiet ċivili ma jistgħux jiġu miċhuda bħala parti mill-proċedimenti kriminali, jiġifieri l-parti ċivili xorta tista' tressaq it-talbiet tagħha quddiem qorti ċivili.

Nista' nappella minn din id-deċiżjoni jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Jekk id-dikjarazzjoni tiġi miċħuda mill-prosekutur pubbliku, jista' jiġi ppreżentat appell fuq il-bażi ta' ksur tad-drittijiet (l-Artikolu 106 StPO). Jekk id-dikjarazzjoni tiġi miċħuda mill-qorti, jista' jitressaq ilment (l-Artikolu 87(1) StPO).

Il-parti ċivili tista' (iżda f'ċerti każijiet biss) tressaq appell għal annullament jew appell kontra r-rinviju lill-qorti ċivili minħabba l-liberazzjoni tal-konvenut. Jekk il-parti tiġi riferuta lill-qorti ċivili minkejja li l-konvenut ikun instab ħati, jista' jiġi ppreżentat appell abbażi tat-talbiet ċivili.

Barra mill-proċedimenti kriminali, it-talbiet ċivili dejjem jistgħu jitressqu quddiem il-qorti ċivili.

Jekk ningħata kumpens għad-danni mill-qorti, kif nista' nkun żgur li s-sentenza tiġi eżegwita kontra t-trasgressur u x'għajjnuna nista' nikseb biex niżgura dan?

Skont l-ewwel sentenza tat-Taqsima 1 tal-Ordni ta' Infurzar (*Exekutionsordnung*, EO), il-konklużjonijiet legalment vinkolanti tal-qorti kriminali fir-rigward ta' talbiet ċivili jikkostitwixxu mandati ta' eżekuzzjoni fis-sens tal-EO. Kull proċedura ta' infurzar teħtieġ mandat ta' infurzar validu. L-eżekuzzjoni għandha tintalab permezz tal-qorti distrettwali kompetenti (*Bezirksgericht*). Jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha għal infurzar, dan jingħata. L-azzjoni ta' infurzar (eż. il-bejgħ ta' proprjetà mobbli, it-trasferiment ta' pretensjonijiet lill-kreditur tal-infurzar jew il-bejgħ furzat ta' proprjetà) tittieħed fuq talba tar-rikorrent.

Il-formoli għall-proċedura ta' infurzar jistgħu jiġu aċċessati permezz tal-ħolqa li ġejja fuq is-sit [web tal-Ministeru tal-Ġustizzja Awstrijak](#).

Ladarba l-azzjoni ta' infurzar tkun ġiet approvata, il-proċedura ta' infurzar ġeneralment titmexxa minn imħallef jew uffiċjal ġudizzjarju. L-azzjoni ta' infurzar titwettaq minn bailiffs, li fl-Awstrija huma uffiċjali tal-qorti. Il-kreditur jintalab jippreżenta rikorsi ulterjuri biss jekk il-qorti jew il-marixxall tal-qorti ma jkunx jista' jkompli l-proċedura mingħajr dawn jew jekk l-azzjoni tinvolvi spejjeż.

L-azzjoni ta' infurzar titwettaq sakemm tkun ġiet konkluzja jew terminata b'suċċess, jiġifieri minħabba li d-debitur ikun ħallas id-dejn tiegħu lill-kreditur matul il-proċedura.

L-aħħar aġġornament: 22/12/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.